MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 158/2012

**Mar-Pierre Estates (C16561)**

**vs**

**Darren Decelis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici Mar-Pierre Estates ipprezentat nhar it-2 ta’ Mejju 2012 fejn talbet lill-konvenut Darren Decelis ihallasha s-somma ta’ disat elef, mija u tmienja u tmenin Ewro u hamsa w sebghin centezmu (€9,188.75) li tirraprezenta fis-somma ta’ hamest elef, mitejn u hamsin Ewro (€5,250) l-ekwivalenti ta’ hames xhur *notice money* dovuti a tenur tal-Artikolu 2 tal-ftehim ta’ kirja datat id-dsatax (19) ta’ Ottubru 2011 relattiv ghall-fond 86-88, Vjal Kottoner, Fgura, u fis-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa w sebghin centezmu (€3,938.75) hlasijiet ghad-dawl u ilma ikkunsmati fil-perjodu bejn it-tmintax (18) ta’ Novembru 2011 u d-disgha (9) ta’ Marzu 2012 waqt li l-konvenut kien kerrej tal-imsemmi fond.

Bl-imghax dekorribli mill-ghoxrin (20) ta’ Marzu 2012 u bl-ispejjez kontrih komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Marzu 2012 u tal-mandat ta’ sekwestru l-hrug ta’ liema gie mitlub kontestwalment mal-prezentata ta’ dan l-att.

Huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Darren Decelis li giet ipprezentata fil-25 ta’ Mejju 2012 fejn eccepixxa:

1. *“Illi primarjament jigi rilevat li l-ebda ammont ma huwa dovut da parti ta’ l-eccipjenti fil-konfront tas-socjeta’ attrici stante li kwalsiasi ammont gie mhallas mill-istess eccipjenti.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghal premess jigi rilevat illi s-socjeta’ attrici ghandha tipprova kif waslet ghal komputazzjoni ta’ l-ammont pretiz.*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li giet ipprezentata fl-4 ta' Lulju 2012 li permezz taghha ipprezentat sitt dokumenti li gew immarkati minn Dok A sa Dok F.

**Il-konvenut Darren Decelis** xehed nhar id-19 ta' Settembru 2012 fejn spjega li f'dawk iz-zminijiet, cioe' f'Ottubru 2011, huwa kien interessat li jikri restorant. Kien ghaddej minn Triq Vjal Kottoner, Fgura, ra li kien hemm post ghal kiri u kien ikkomunika ma' sid il-post. Tkellem mas-sinjura Pauline Debono u tkellmu dwar ir-rigal li kellu jaghti u x'kienet ser tkun il-kera ta' kuljum. Iddikjara li kellu jaghtiha hmistax-il elf Ewro (€15,000) bhala rigal u dan *up front* u hamsa u tletin Ewro (€35) kuljum bhala kera. Tenna li r-rigal kellu jithallas permezz ta' zewg pagamenti. Iddikjara li marru ghand in-nutar Dr Lorraine Pulis u ghamlu kuntratt relattiv. Esebixxa kopja tieghu li gie mmarkat bhala dokument Z. Ikkonferma li s-sinjura Debono ma xtaqitx li r-rigal jitnizzel fil-kuntratt. Iddikjara li ghalih ma' ghamlitx differenza jekk ir-rigal ma jitnizzilx fil-kuntratt. Tenna li hallas il-kera kull tlett xhur. Sahaq li fil-kuntratt tnizzel li l-meter tad-dawl u l-ilma ghandhom jibqghu registrati fuq isem Pauline Debono. Hu ddikjara li kull meta rcieva l-kont mar ghandha bil-flus tad-dawl u tal-ilma u hi suppost hallset l-istess kont. Stqarr li l-ewwel kont li rcieva kien ftit 'il fuq minn mitejn u tmenin Ewro (€280) u dan hallsu. Huwa telaq mill-post f'Marzu tas-sena 2012 u rcieva kont iehor li kien hallsu wkoll. Iddikjara li l-kera kien hallsha sa' April. Tenna li qabel ma telaq, Pauline qaltlu li rceviet kont ta' tlett mija w tmienja u disghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€398.75). Huwa ghalaq u taha dis-somma flus, ghaliex hija dejjem talbitu biex il-flus jaghtihomlha *cash*. Zied li anke l-flus tal-kera kien tahomla *cash*.

Meta mistoqsi jekk kienx fil-prezenza ta' xi terza persuna meta taha dan l-ammont iddikjara li ma kien hemm hadd izjed. Mistoqsi mill-Qorti jekk tathux ricevuta taghhom wiegeb fin-negattiv. Meta huwa hallas il-kera kollha li kienet sa April 2012, hallas l-impjegati kollha tieghu u l-*istock* ukoll u ddecieda li jieqaf minn dak il-business. Cemplilha u qalilha li ma kellux interess li jkompli, pero' stqarr li haditha bi kbira. Qalilha biex taghmel il-verifiki taghha sabiex tara li kollox kien *in order.* Tenna li fil-fatt iccekjat u ghamlet verifiki biex tara jekk il-fran, il-fridges u kollox kien qieghed jahdem, u sahansitra irrilaxxatlu dokument li l-Qorti immarkat bhala dokument S. Iddikjara li fid-9 ta' Marzu 2012 kien taha c-cwievet tal-post, hadu r-reading tal-post u ftit wara hallasha l-ammont in kwistjoni. Stqarr li dakinhar kienet talbithu n-*notice money* u hu qalilha li kienet ser tkompli tkissru, u li huwa kien ser jaghlaq ghax ma kellux aktar flus. Tenna li hi qaltlu li basta jaghtiha l-flus tad-dawl u l-ilma u li hi kienet lesta li tahfirlhu l-bilanc. Fil-fatt dwar dan ma hemm xejn imnizzel fid-dokument S, is-sinjura ma ghamlet l-ebda referenza ghan-notice money.

Rat in-nota tal-konvenut li giet ipprezentata fid-19 ta' Settembru, 2012 li permezz taghha ipprezenta zewg dokumenti u cioe' l-kuntratt tal-kera li gie mmarkat bhala Dok Z u l-iskrittura ta' bejn il-partijiet li giet immarkata bhala Dok S.

**Il-konvenut Darren Decelis** rega' xehed nhar l-10 ta' Ottubru 2012 fejn esebixxa statement ta' cekk mahrug mill-BOV li jindika l-flejjes li huwa rtira mill-BOV sabiex ghaddihom lil Mar-Pierre Estates. L-ewwel dokument gie mmarkat bhala dokument DC. Iddikjara li l-ewwel cekk li huwa relatat ghas-somma ta' sebat elef Ewro (€7000), hareg f'isem Omar Debono. Zied li Omar Debono huwa bin Pauline Debono li tidher ghan-nom tas-socjeta' attrici.

Mistoqsi ghaliex fil-fatt ic-cekk huwa ntestat lil Omar Debono wiegeb li dan sar hekk fuq talba tal-istess attrici. Esebixxa dokument iehor, li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument DC1. Huwa stqarr li s-segwenti cekk jirreferi ghall-hlas ta' erbat elef Ewro (€4000). Zied li c-cekk gie intestat lil Pauline Debono. Tenna li ghandu cekk iehor li gie mmarkat bhala dokument DC2 fl-ammont ta' elfejn u sitt mija u dsatax-il Ewro (€2,619), ukoll f'isem Omar Debono. Esebixxa ricevuta dwar l-insurance fuq il-propjeta' li giet immarkata bhala dokument DC3 fl-ammont ta' sitt mija w disgha u disghin Ewro u hamsin centezmu (€699.50). Iddikjara li l-insurance kien hallasha ghal perjodu ta' sena. Tenna li l-kopertura kienet sa' Gunju, pero' c-cwievet huwa kien tahom lura lill-attrici f'Marzu ta' dik l-istess sena. Esebixxa wkoll dokument li gie mmarkat bhala dokument DC4, li huma ricevuti tal-ktieb tal-kera, li huwa kellu fuq il-post in kwestjoni, gewwa Vjal Kottoner, il-Fgura. Iddikjara li effettivament, lill-attrici kien taha s-somma ta' disa' u ghoxrin elf Ewro u tlieta u sittin centezmu (€29,000.63) f'seba' xhur bhala kera, kif ukoll bhala rigal fuq il-fond. Zied li dawn ikopru l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u insurances li huwa kien hallas in konnessjoni mal-istess. Iddikjara li apparti dawn il-pagamenti, huwa kien taha diversi pagamenti li kienu cash, u dan kien ghamlu fuq talba taghha stess.

**Darren Decelis** xehed in kontro-ezami fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li l-ewwel kera li hallas fuq dan il-post kienet fis-7 ta' Lulju 2011. Skont il-ftehim Dok A, hemm miktub li l-kuntratt gie ffirmat fid-19 ta' Settembru 2011 ghalkemm hu kien taha l-flus tal-kera f'Lulju ta' dik l-istess sena u kien fetah f'Awwissu. Fil-fatt fil-kuntratt hemm miktub li huwa kien taha l-flus f'Lulju.

Il-konvenut gie mistoqsi jekk qabel fil-fatt iffirmaw il-kuntratt Dok A, kienux ghamlu kuntratt iehor bejniethom, qal li le mhux minnu ma kienux ghamlu

kuntratt iehor. Pero' f'Lulju kienu ltaqaw u huwa u Pauline Debono kienu ghamlu ktieb tal-kera. Huwa ma jafx li ghamlu xi kitba ohra, dak huwa l-uniku ktieb li ghandu u b'dan qed ifisser ghal dokument DC4 esebit fl-atti a fol 40 et seq tal-process. Huwa minnu li sabiex huwa fetah il-hanut issellef xi flus. Fil-fatt is-self sar minghand il-Bank of Valletta, pero' ma jiftakarx id-data ezatt ta' dan. Huwa kkonferma li l-hanut fethu f'Awwissu. Mhux minnu li huwa ha s-self minghand il-Bank of Valletta f'Novembru.

Huwa ghamel referenza ghad-dokument esebit fl-atti b'mod partikulari Dok DC a fol 36, DC1 a fol 37 u DC2 a fol 38 u qal li dawn huma cekkijiet li gie moghti mill-bank dwar is-self li huwa ghamel, sabiex jaghmel il-pagamenti relattivi. Naturalment apparti dawn ic-cekkijiet, huwa hareg xi flus mill-but. Huwa sostna li Natasha Bonello li tinsab fuq dokument DC1 hija l-mara tieghu. Huwa ma jidhirlux li ghandu l-kuntratt tal-bank fuqu, pero' ipprometta li jesebih fis-seduta sussegwenti.

**Darren Decelis** rega' xehed in kontro-ezami fis-6 ta' Marzu 2013 fejn esebixxa kopja tal-bank loan li ghamel mal-BOV. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Fil-fatt din hija is-*sanction letter*. Huwa spjega li l-kuntratt effettiv sar fid-19 ta' Settembru 2011 u gie mmarkat bhala dokument X. Fil-fatt dan mhux il-kuntratt izda l-*agreement of lease.* Dan id-dokument huwa diga' esebit u ghalhekk il-konvenut irtirah. Mistoqsi mill-Qorti fejn hu l-kuntratt qal li meta mar ghand il-bank manager biex jistaqsih ghall-kopja tal-kuntratt fil-fatt dan kien ghaddielu s-*sancion letter* u mhux il-kuntratt relattiv. Huwa spjega li n-nutar li rredigiet il-kuntratt kienet Lorraine Pulis. Huwa pprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi kopja tal-kuntratt relattiv redatt minn Nutar Lorraine Pulis.

**Darren Decelis** rega' xehed fl-24 ta' April 2013 fejn esebixxa zewg atti notarili li wiehed minnhom jirrigwarda dejn li huwa ghamel mal-Bank of Valletta u li l-Qorti mmarkat bhala Dokument ST. Dan il-kuntratt sar fis-16 ta' Awwissu 2011. Huwa esebixxa wkoll kuntratt iehor li gie mmarkat Dok ST1 relatat mal-*overdraft* li kellu mal-Bank of Valletta li huwa datat 16 ta' Awwissu 2011.

**Pierre Debono** xehed fit-18 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa jigi t-tifel ta' Pauline Debono. Huwa kkonferma li xi zmien ilu kien mar fil-hanut mikri lil Darren Decelis u jiftakar li dakinhar filghodu kienet cemplitlu ommu u qaltlu biex meta jlesti mix-xoghol jghaddi biex jara x'sar minnu l-hanut u jiccekja l-*appliances*. Huwa kien mar wara t-tlieta u nofs u sab lill-ommu u lil Darren u qalulu biex jiccekkjaw l-*appliances* flimkien halli jaraw li kollox kien sew. Huma l-ewwel bdew bir-*reading* tad-dawl u l-ilma u ommu bdiet timla l-karti fejn kien ser jinkiteb ir-*reading* u dan ghax kienu ftehmu li sa dik il-gurnata Darren Debono kellu jhallas tad-dawl u l-ilma. Fil-fatt huma hadu r-*reading* dakinhar, poggewhom fuq karta u ghaddewhom lill-omm ix-xhud. Hija qaltlu wkoll biex imur jiccekkja l-fornijiet biex jara li kollox kien sew u jahdem. Huwa mar jiccekjhom pero' f'xi hin sema' lil Darren jissuppervja u qal lill-ommu li dwar il-kontijiet tal-kera kellhom jitkellmu darba ohra. Huwa taha c-cwievet, qalilha li kien daqshekk u telaq 'l hemm.

Ix-xhud ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. X li huwa r-*readings* li huma hadu dakinhar. Fuq dan id-dokument huwa gharaf il-firma ta' ommu Pauline Debono *on behalf of* Mar-Pierre Estates kif ukoll il-firma ta' Darren Decelis. Huwa qal li l-partijiet kienu ffirmaw quddiemu stess. Ix-xhud wera lill-

Qorti l-original ta’ dan l-istess dokument, pero’ dan l-original baqa’ jinzamm ghand ix-xhud.

**Chantelle Grech** prodotta mis-socjeta’ attrici xehdet fit-18 ta’ Gunju 2013 fejn iddikjarat li Pauline Debono hija l-kunjata taghha. Madwar il-15 ta’ Marzu 2013 hija kienet ma’ Pauline u kienu sejrin dawra bil-karozza pero’ taf li cempel Darren Decelis lil Pauline u qalilha sabiex tmur u jdawru l-kuntratt tad-dawl. Huma marru Blata l-Bajda ghand tad-dawl u meta waslu fuq il-post Darren kien diga’ mela’ l-karti. Ix-xhud tiftakar li Pauline xtaqet taqra dawn l-istess karti pero’ Darren ma kienx halliha. Pero’ Pauline qrat din id-dokumentazzjoni u fil-fehma taghha dawn ma kienux tajbin. Ghalhekk marret ghand tas-security fejn taha karta ohra, melijielha u meta lestietha taf li marru ghand tal-cash. Lil tal-cash qallu biex idawwar il-kont fuq l-gharusa tieghu, iccekjatlu pero’ qaltlu li ma kienx possibbli li jaghmel dan peress li l-gharusa tieghu kellha kunjomha xebba u kellha tigi hi biex tiffirma. Huwa seta’ jigi fuq l-indirizz li huwa kellu fuq proprjeta’ ohra, pero’ ma xtaqx peress li dik il-propjeta’ kienet diga’ mikrija. Huwa kien qal li ma kellux flus fuqu, dar fuq Pauline u staqsiha jekk kellhiex ic-cheque book u Pauline qaltlu ‘*il-kont mhux tieghek mela thallsu int’*, u hargu l-barra.

**Chantelle Grech** xehdet in kontro-ezami fil-15 ta’ Jannar 2014 fejn iddikjarat li lill-konvenut kienet iltaqghet mieghu darba wahda biss. Hija tiftakar li kienet harget dawra ma’ omm Darren u kien cemplilha Darren sabiex imorru ghand tad-dawl il-Blata l-Bajda. Hija taf li kien hemm xi problema dwar il-formoli tad-dawl ghax Darren kien mela l-formola tad-dawl u fil-fatt kiteb li flok ma jhallas hu kienet ser thallas Pauline. Hija fil-fatt dak il-hin xtaqet li taqra sew il-karta pero’ Darren ma riedx u qallha ejja ha mmorru. Ix-xhud il-karta ratha pero’ ma

qaghditx taqraha. Mistoqsija jekk tiftakarx jekk intqalx xi diskors dwar indirizz wiegbet li ma tiftakarx. Hija taf li dakinhar il-karta l-hazina kien qattaha s-security u mlew ohra mill-gdid. Hija li taf hu li mlewha izda ma tatx kasha u ghalhekk ma tafx x'kien fiha.

**Pauline Debono** xehdet fis-26 ta' Gunju 2013 fejn iddikjarat illi hija wahda mis-*shareholders* tas-socjeta' attrici. Hija ghandha 499 *shares* minn 500 tas-socjeta' attrici. Ix-xhud spjegat li hija kienet direttur ta' din is-socjeta' u llum il-gurnata hija direttur ma' binha li jismu Omar u hija tokkupa l-kariga ta' segretarja ta' din is-socjeta'. Mistoqsi jekk kellhiex xi kirja mal-konvenut Darren Decelis wiegbet li iva kellha fuq il-fond 86 u 88 Vjal il-Kottoner, Fgura. Effettivament hija kienet krietlu dan il-fond u dan wara li hija kellha *sign for sale* u s-sur Decelis kien mar ghax kien interessat li jixtri l-fond pero' ma kellux bizzejjed flus u ghalhekk waslu fi ftehim li kellha tikrihulu. Fil-fatt qalet li kellu kollox lest f'dan ir-restaurant li kera minghandha. Fis-7 ta' Lulju 2011 ix-xhud kienet ghamlet skrittura privata mal-konvenut u naturalment dehret ghan-nom tas-socjeta' attrici. Din kienu ghamluha bejniethom, ghax jumejn wara kienet gejja l-festa u ghalhekk ma xtaqux idumu biex imorru ghand l-avukat. Hija esebiet din l-iskrittura li l-Qorti mmarkat bhala dokument MPE.

Hija tenniet li dakinhar ghamlu r-readings li kien hemm dak il-hin u dan sabiex huwa jidhol zero fil-kontijiet. Sussegwentement fid-19 ta' Settembru marru ghand in-nutar Pulis, u effettivament kienu marru ghand Dr Lorraine Pulis, kien hadhom hemm il-konvenut stess u kienu ghamlu *agreement of lease* li jinsab inserit fl-atti a fol 27 u mmarkat bhala dokument Z. Mistoqsija jekk huwiex minnu li l-konvenut kien hallas *deposit* meta ghamlu l-iskrittura wiegbet li mhux minnu, kien hallas *deposit* li kien ikopri tlett xhur kera, sena *insurance* u sena licenzja tal-hanut u dan fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000). Fil-fatt ic-

cekk kien mahrug minn Natasha Bonello li hija l-gharusa tieghu, ghax huwa ma kellux cash. Kera effettivament kienet €2,765, insurance €699.50 u l-licenzja kienet €470.

Ix-xhud qalet li effettivament ma kellux flus biex jahdem. Huwa kien xtaq jixtri xi *stock* u xi affarijiet peress li kienet waslet il-festa u qalet li hija fil-fatt kienet sellfitu xi flus u ghamlet kambjala biex tkopri lilha nnifisha u dan kien fl-ammont ta' €7,000. Ix-xhud sostniet li hija ma thallsitx ta' dawn is-€7,000 fil-fatt hemm ittra ufficjali sabiex hija tithallas dan l-istess ammont. Sa fejn taf ix-xhud bil-flus li sellfitu kien xtara television u l-istock li kellu bzonn. Fis-16 ta' Awissu 2011 kien taha s-somma ta' €7,000 in kontro-kambju tal-kambjala li kellha u ghalhekk pacewha u taha l-kambjala lura. Sussegwentement kienu gew ghat-tieni kera dovuta fis-7 ta' Ottubru 2011 sas-7 ta' Jannar 2012 u ma kellux bizzejjed flus biex ihallasha u qalet li taha biss €2,619 flok €3,255 u ghalhekk kien baqghalu bilanc ta' €639. Sussugwentement bdiet tiggieled mieghu biex jithallas il-bilanc dovut u kien qalilha li kien ser johrog il-*loan* u apenna johrog il-*loan* kien lest li jhallasha. Mistoqsi jekk effettivament kienx gara hekk qalet li effettivament iz-zmien beda ghaddej, kienet tmur kull weekend tiekol ghandu biex tfakkru fil-kontijiet tad-dawl u dan flimkien ma' Joe Camilleri li kien jghidilha biex thalli f'idejh u mbaghad thallsu. Dan ghax il-kont kien jasal ghandha u kienet tehodulu u tistenna biex ihallsu u jaghtiha l-ircevuta.

Sussegwentement kienu waslu ghat-tielet kera u kien qalilha li *loan* kien ghadu ma harigx, qalilha li kien ser jizzewweg f'Novembru u li kien lest li jhallasha mill-flus li jircievi. Effettivament ix-xhud kienet mistiedna izda ma marritx. Minkejja dan xorta ma hallashiex. Dejjem jghidilha li kien ser johrog il-*loan*,

pero' hija kellha mohhha mistrieh, ghax minghaliha li l-bank kien ser jaghtih il-*loan*. Meta waslu ghall-kera ta' Jannar sa Marzu, qalilha biex jergghu juzaw is-sistema tal-kambjala biex imbaghad jaghtiha kollox f'daqqa. Huwa kellu bzonn li juri ricevuti lill-bank li qed ihallas il-kera u hija kienet tghamillu l-ircevuti, pero' biex ikollha mohha mistrieh kienet tghamillu kambjala u ghalhekk effettivament kien rega' taha l-kambjala li kienu uzaw l-ewwel darba ta' €7,000. Effettivament dakinhar kienu waslu li huwa kellu jaghtiha €3,185 kera ghal perjodu ta' Jannar sa Marzu 2012 u kellu jaghtiha €639 bilanc mill-kera ta' qabel.

Ix-xhud spjegat li hija kienet taghtu €1,600 sabiex ihallas ghal hsara li l-ewwel kok kien ghamillu fil-post peress li kien iggieled mieghu, u s-somma ta' €1,500 li huwa kellu jaghti lit-tieni kok ghaliex kien ser jitlaq minn fuq ix-xoghol. Flimkien dawn l-erba' ammonti jammontaw ghal  €6,924. Kien ghalhekk li taha lura din il-kambjala ta' €7,000 sabiex ikopri dan l-ammont. Sussegwentement ghal habta tal-ahhar ta' Frar 2012, taf  li l-konvenut ried imur gimgha *holiday* u qaltlu naturalment sabiex ihallasha l-ewwel u wegibha li pero' din is-safra kienet *honeymoon*, u meta gie lura ghal bidu ta' Marzu taf  li ma fetahx il-hanut.

Hija bdiet iccempillu biex tara ghaliex ma kienx qed jiftah u huwa beda jisghol il-hin kollu u jghidilha li ma jiflahx. Xi tliet ijiem wara taf li t-tifel taghha kien ghaddej bil-lejl ghax jahdem bhala *security* u qalilha li kien hemm xi haga stramba fil-hanut, ghaliex effettivament kienu tnehhew it-tabelli. L-ghada filghodu cemplitlu u staqsietu x'kien gara u ghaliex effettivament ma kienux hemm it-tabelli u qalilha li kien qieghed inehhihom, kien ghadda ragel u kien tahomlu ghal *perspex*. Ix-xhud iddikjara li hija naturalment irrabjat u staqsietu

x'kien ser jigri mill-hanut, u wegibha li kien xaba' u li dak li kellu jaghmel ghamlu u li kien ser jaghtiha c-cwievet lura.

Pauline Debono kompliet tghid li sussegwentement hija cemplet lil binha Pierre u qaltlu biex imur biex jaraw x'kienu ser jaghmlu u dan sabiex jiccekjaw l-*equipment* tal-hanut. Dan peress li t-tifel taghha kien ghamel xi ghaxar snin fil-hanut u kellu certu esperjenza. Marru wara t-tlieta u nofs u fil-fatt hija waslet qabel binha u bdew jiddiskutu kif kien ser ihallas il-kontijiet tad-dawl. Il-konvenut wegibha li kien lest li jaqraw ir-*reading* tal-meter tad-dawl u l-ilma u qalilha li kien lest li jhallas meta jkollu flus f'idejh. Meta wasal Pierre, huwa flimkien ma' Darren qraw ir-*readings* u x-xhud kitbet il-kitba u ffirmawha kemm ix-xhud u l-konvenut Darren, liema *reading* jinsab inserit fl-atti a fol 20 u mmarkat bhala dokument E. Ix-xhud talbitu jaghtiha n-*notice money* li kien obbligat li jhallas izda wegibha li ma xtaq jaghtiha xejn aktar. Huwa qalilha biex tiffirmalu t-*termination* peress li flus ma kellux.

Hija tiftakar li kienet ghaddiet xi gimgha u l-konvenut kien dejjem jiftihem mat-tifel biex imur halli jdawwar il-cash register tal-VAT. Kull darba jhallih jistenna u ma jmurx. Mbaghad beda jcempillha biex imorru ghand in-nutar sabiex ihassru t-*termination*. Hija qaltlu li qabel ma jhallsu l-kontijiet tad-dawl u kollox ikun imhallas u jkollha l-*cash register* imdawra, hija ma kinitx lesta li tmur tiffirma t-*termination*. Wara ftit, xi hmistax wara kien cemplilha u qalilha biex tmur sabiex jaghmel il-kuntratt fuq ismu fis-sens tad-dawl u l-ilma. Huma marru l-Blata l-Bajda ghal habta ta' nofsinhar u kien hemm Chantelle Grech, li tigi l-gharusa tat-tifel tax-xhud Omar, u x'hin marru hemmhekk sabitu bil-karta f'idu, bil-formola u hija riedet taqraha qabel ma tiffirmaha. Kif gabha hu ried li hija tkun responsabbli tal-kont. Hija ma riditx tiffirmaha, kien hemm is-*security* li

rahom jikkustinjaw bejniethom, staqsiha x'kien gara u qaltlu li ma riditx tiffirma din il-karta u meta qaltlu li l-kont kien responsabli ghalih hu, dan gab formola ohra u baghthom hdejn il-kaxxiera u meta marru ghand il-kaxxiera staqsietu fuq liema kont kien ser jaghmel il-bilanc, u qal li kien ser jaghmlu fuq ta' Natasha Decelis. Dik fittxet fil-kont u qaltlu li ma kellhiex kont ta' Natasha Decelis izda kellhom ta' Natasha Bonello u fil-fatt qal li la l-flat kien taghha ma setghax jaqbad u jbiddel il-kont hekk. Qalilha li kienu mizzewgin u li kellu dritt u dan nonostante ma riditx u qaltlu li kellha tmur hi. Hawn ix-xhud issugeriet li jaghmlu fuq il-flat tieghu ta' Birzebbugia izda dan ma riedx ghax go dan il-post kellu n-nies mikrija. Fil-fatt taf li l-kaxxiera riedet €900 deposit u hu qalilha biex tohrog ic-chequebook biex thallsu x-xhud stess u hija qaltlu li ma kinitx lesta thallsu u hu issupervja u telaq 'l hemm.

Ix-xhud sostniet li hemm kont pendenti tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' €3,938.75 u dan ghadu pendenti sal-lum maghha. Hija pero' irceviet avviz li kienu ser jaqtghu il-konsum tal-ilma u ghalhekk bdiet thallsu ftit ftit hija stess. Hija kkonfermat li skond il-kuntratt hija kienet intitolata ghan-*notice money* ghal sitt xhur pero' hija qed titlob ghal hames xhur biss u dan ghax f'xahar minnhom huwa inkluz fil-kera tal-kambjala, tal-ahhar tlett xhur ta' Jannar sa Marzu. Kien ghalhekk li ghamlitlu minus ta' xahar. Mistoqsi jekk qattx irceviet xi haga biex tittermina l-kuntratt wiegbet li iva irceviet minghand Dr Pulis sabiex tmur biex tiffirma t-*termination* u hija kienet tghidilha li kien hemm xi pendenzi bejniethom fosthom il-kont tad-dawl u kien ghalhekk li ma kinitx lesta li tiffirma t-*termination*. Hija cahdet li rrinunzjajt ghan-*notice money.*

**Pauline Debono** xehdet in kontro-ezami fit-30 ta' Settembru 2013 fejn iddikjarat li skond il-Memorandum and Articles tas-socjeta' attrici jirrizulta li

hija d-direttur. Hija promettiet li tesebixxi kopja taghha. Illum il-gurnata hija m'ghadhiex direttur ta' din is-socjeta'. F'dawn l-ahhar sena u nofs jew sentejn hija kienet hatret lit-tifel taghha Omar Debono bhala direttur flokha. Hija ddikjarat li dan il-hanut kienet taghtu lill-konvenut f'kundizzjoni tajba ghax min kien qieghed go fih qablu kien naddfu. Hija kkonfermat li l-konvenut kien ghamel xi *alterations* fil-hanut skond il-gosti tieghu. Huwa ghamel xi zebgha fuq il-blu, ghamel xi tvalji fuq il-blu u xtara wkoll xi *equipment* ohra bhal tazzi u frieket ghal gosti tieghu.

Ix-xhud ikkonfermat li effettivament hija kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' sebat elef ewro. Pero' fuq din il-kwistjoni hemm kawza ohra ghaddejja. Sa dan l-istat hemm ittra ufficjali fuq kambjali. Hija spjegat li kienet sellfitu dawn il-flus ghax xtaq jaghmel xi tibdil fil-hanut u biex jixtri xi televixins u jaghmel xi spizi ohrajn. Sahansitra taf ukoll li kien hareg xi riklami fil-Gallarija Complex tas-Cinema u fuq Smash Radio u ghalhekk kellu bzonn il-*cash*. Hija kkonfermat ukoll li Darren Decelis kien ta cekk lil Omar Debono rigwardanti dawn is-sebat elef ewro. Hija tghid li effettivament is-Sur Decelis kien ta cekk lil Omar Debono fid-19 ta' Awissu 2011 u dan ghax kien qallu li kien ser jiehu xi *loan* mill-bank u ghalhekk fuq dawk is-sebat elef kien hemm *settlement.*

Hija stqarret li l-konvenut kien tah is-somma ta' erbat elef ewro f'Lulju 2011 meta kienu ghamlu l-ftehim originali u cioe' l-iskrittura privata liema somma tkopri tliet xhur kera bil-quddiem, €470 tal-licenzja ghal sena u €699 hlas ta' assikurazzjoni li tikkoverja l-hanut. Mistoqsija jekk kienx hemm xi arrangament bejniethom fuq ir-rigal, wiegeb li le ghax proprju dan il-post kien ghal bejgh u kien hadha tara l-post tieghu li huwa ghandu Birzebbugia u peress li hija ma kienitx interessata biex tpartat ma' flat hija hadet maghha lis-Sur Paul Falzon

sabiex jara jekk is-Sur Falzon kienx interessat f'dan il-flat. Hija stqarret li l-flat kien kopert b'*loan* ta' €88,000 u ghalhekk ma setghux jaslu fi ftehim biex ibiegh il-hanut ghax il-flat ma kienx imhallas u ma waslux ghal ftehim. Huwa rigal qatt ma taha lix-xhud. Hija ddikjarat li kien hemm hafna diskors u paroli, pero' fil-fatt rigal qatt ma hallas. Ix-xhud cahdet li kien hemm xi ftehim dwar xi €25,000 li effettivament kellu jhallasha. Il-ftehim taghhom huwa dak rifless fl-iskrittura privata.

Mistoqsi jekk krietlux il-post meta kienet taf li ma kellux flus wiegbet li l-konvenut qalilha li xtaq jaghmel *loan* mal-bank u kien ghalhekk li ghamlu skrittura privata. Lilha kien qalilha li abbazi tal-iskrittura li kienu ghamlu l-loan kien miexi. Hija kkonfermat li wara li kera l-hanut hija kienet irceviet il-kont tad-dawl u ilma gewwa darha u wara li kienu ffirmaw il-kuntratt, kull kont li kienet tircievi kienet tghaddih lil konvenut Decelis. Hija tiftakar li l-konvenut kien hallas kont wiehed biss li kien jammonta ghal cirka €245 u effettivament kien ghadu *estimate* ghax hija mbaghad hallset il-*full*. Ix-xhud giet murija Dok. X relatat mal-kont tad-dawl u ilma fuq dan il-hanut. Hija kkonfermat li dan kien hallsu l-konvenut. Fix-xhieda taghha meta tghid li l-konvenut ma hallasx il-kontijiet hija ma kinitx qed tirreferi ghal dan il-kont izda ghal kontijiet ohra fl-ammont ta' warajh. Il-konvenut ghamel gol-hanut minn Lulju 2011 sa Marzu 2012 u ghalhekk minn Awissu 2011 sa Marzu 2012 il-konvenut ma hallas xejn.

Ix-xhud iddikjarat li f'Ottubru l-konvenut kien taha cekk ta' €2,619 minflok €3,255. Mistoqsi ghaliex effettivament kien taha dan l-ammont qalet li kien hallasha parti mill-kera ta' tliet xhur li kien imiss ghax ma kellux dik is-somma flus kollha. Il-konvenut kien ghad baqalu bilanc ta' €639 u hu kien jitlobha biex taghtih ricevuta sabiex juri lill-bank li kien qed ihallas sabiex il-bank johroglu l-

*loan*. Ghalhekk hija kienet hargitlu ricevuta li effettivament kien hallasha l-ammont kollu pero' in realta' kien ghad fadallu bilanc ta' €639 u ghamlu nota bejniethom. Dan ghamlu biex juri lill-bank li kien qed jaghmel il-pagament. Ix-xhud tenniet li l-erbat elef (€4,000) li kien hallas fil-bidu tal-iskrittura kienu jkopru l-kera tal-ewwel tlett xhur tal-kirja. Mistoqsi jekk kinitx harget il-*loan* wiegbet li ma tafx pero' l-konvenut kien dejjem iweghda u effettivament it-tielet kera ma hallashiex. Il-konvenut kien qalilha li huwa xtaq jaghmel it-tieg u bil-flus li kien jircievi ghat-tieg kien lest li jhallasha. Hija kkonfermat li kienet harget ricevuta li effettivament taparsi kien hallasha t-tielet pagament tal-kera ghal tliet xhur pero' ghamlu kambjala fl-istess hin li kellu jaghtiha dik l-istess somma.

Ix-xhud giet murija l-ktieb tal-kera mmarkat mill-Qorti bhala dokument X u fuqu hemm ricevuta li effettivament hija rceviet il-hlas dwar kera ghal Jannar sa Marzu 2012. Dan il-ktieb gie mmarkat bhala dokument Y. Hija qalet li dan mhux minnu u allura l-konvenut rega' taha lura l-kambjala li kienu ffirmaw originarjament tas-sebat elef ewro u kellhom jigbru d-dejn kollu li huwa kellu maghha u una volta johrog il-loan huwa kien lest li jhallasha. Fil-fatt spjegat li kienu gabru u l-ammont kien dovut sa dakinhar kien €3,185 it-tielet kera, €639 in-nuqqas li ma rcevietx fit-tieni kera, €1,500 biex jaghtihom lic-Chef ghax dak kien jghidlu li kien ser jitilqu u €1,600 tal-hsarat tal-*equipment* li hija sewwietlu. B'kollox jammontaw ghal €6,924. Hija ddikjarat li ghalhekk taha kambjala biex izommha kwieta u dan sar f'Jannar 2012. Ix-xhud giet murija *sanction letter* li hija esebita fl-atti u qalet li hija kull ma tista' tghid huwa li l-konvenut dejjem kien jghidlha li una volta jircievi l-flus tal-loan kien ser ihallasha.

**Pierre Debono** xehed in kontro-ezami fil-15 ta’ Jannar 2014 fejn iddikjara li s-Sur Decelis in konnessjoni ma’ din il-kwistjoni pendenti kien iltaqa’ mieghu darba biss. Huwa kkonferma li kien gie mitlub minn ommu stess sabiex jiccekja l-*appliances* fil-hanut wara t-tlieta ghax ikun spicca mix-xoghol. Fil-fatt huwa kien mar jiccekja l-appliances flimkien mal-konvenut u kien f’din l-okkazjoni biss li ltaqa’ ma’ Darren Decelis in konnessjoni mal-mertu ta’ din il-kawza. Ix-xhud jaf li kienu tkellmu dakinhar fuq il-kontijiet tad-dawl li kellu pendenti u fuq in-notice tal-hanut. Huwa jaf  li kien intqal xi diskors li ma kienx ta’ notice u li kien ser ihallasha tieghu. Fil-fatt dan id-diskors huwa qalu lil Pauline Debono pero’ huwa kien prezenti. Ma kien hemm hadd aktar prezenti dakinhar. Dakinhar huma hadu wkoll ir-*reading* tad-dawl u l-ilma flimkien u kienu kitbuhom flimkien fuq karta. Huma kellhom idawru wkoll xi VAT number pero’ qatt ma waslu. Sakemm hadu r-*reading* il-partijiet, id-diskursata ta’ bejniethom kienet normali, pero’ jaf li meta ommu talbitu ghan-*notice* l-konvenut issuppervja u qallha li kien lest li jkellimha darba ohra. Dakinhar huma damu xi siegha u nofs sakemm iccekjaw l-appliances kollha.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta Jannar 2014 l-avukat difensur tal-konvenut kien talab sabiex jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet u l-Qorti kienet laqghet it-talba tieghu u akkordat zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw id-difiza taghhom bil-miktub cio’ nonostante pero’ dawn in-noti ma dahlux.

Rat li l-partijiet dehru quddiemha nhar il-5 ta’ Marzu 2014 u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet kriet il-fond/ hanut 86 u 88, Vjal il-Kottoner, Fgura lill-konvenut skond skrittura privata redatta nhar id-19 ta' Settembru 2011 minn Dr Lorraine Pulis esebita fl-atti a fol. 27 immarkata bhala Dok Z. Illi l-partijiet ftehmu x'kienu l-kundizzjonijiet tal-kirja kif hemm indikati fl-istess skrittura u fost il-kundizzjonijiet hemm indikati l-konvenut kellu jhallas il-kera tal-fond oltre l-VAT kif stipulata fil-klawsola numru 5 intitolata 'Consideration'. Oltre dan skond il-klawsola 3 intitolata 'Operation of the business at the premises' il-konvenut obbliga ruhu wkoll li jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma li tal volta jkunu pendenti fuq il-hanut tul il-kirja kollha.

Il-kirja kellha tkun ghal perjodu ta' hames snin li kienu gja bdew jiddekorru fis-7 ta' Lulju, 2011 u f'kaz li l-konvenut xtaq jittermina l-kirja qabel iz-zmien huwa kellu jinnotifika s-socjeta' attrici zmien sitt xhur bil-quddiem u l-kirja tibqa' hekk dovuta sa l-ahhar jum meta l-fond jigi vakat u c-cwievet ritornati lis-sid tas-socjeta' attrici. Bhala fatt jirrizulta anke mix-xhieda tal-konvenut stess li l-konvenut kellu l-pussess effettiv ta' dan il-fond sa mis-7 ta' Lulju, 2011 sad-9 ta' Marzu 2012.

Is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disat elef, mija u tmienja u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€9,188.75) rapprezentanti din is-somma in kwantu ghall-hamest elef, mitejn u hamsin ewro (€5,250) l-ekwivalenti ghal hames xhur *notice money* dovuti a tenur tal-Artikolu 2 tal-kirja datat 19 ta' Ottubru 2011, is-somma ta' tlett elef, disa' mija u tmienja u tletin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3,938.75) hlasijiet ghad-dawl u ilma maghmula minnha ghan-nom

tal-konvenut ghall-perjodu meta l-konvenut kien inkwilin tal-fond u cioe' mit-18 ta' Novembru 2011 sad-9 ta' Marzu 2012.

Illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu preliminarjament eccepixxa li l-ebda ammont m'hu dovut da parti tieghu stante li kwalsiasi ammont gja gie mhallas minnu ghalhekk eccepixxa l-pagament.

Huwa principju assodat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tieghu biex din tigi milqugha. Dan mhux biss skond id-disposta tal-A**rtikolu 652 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi '**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**', PA 31 ta' Mejju, 1972 u '**Peter Paul Aquilina vs Paul Vella**', App. Inf. 2 ta' Mejju, 1995). Fl-ahhar sentenza hawn citata l-Qorti tghallem li '*l-attur f'kawza ma jistax jistenna li l-Qorti taghmel ix-xoghol tieghu u dan l-aktar meta huwa min jallega jrid jipprova.*' Huwa principju rassodat li l-mera possibilta mhix sufficjenti biex tirradika r-responsabilita civili ('**Frank Giordmaina Medici et noe vs William Rizzo et',** deciza PA, NC, 28 ta' April 2004).

Naturalment, l-attur f'kawza ma ghandux jistenna li l-Qorti temmnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas ta' l-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Detto questo dan ma jfissirx li l-provi migjuba mill-attur ghandhom jigu skartati altru milli hekk.

Il-Qrati taghna jghallmu li '*il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qorti jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg*

*versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghaliex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi* ***ghax dawn f'kawza civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant***. ('**Farrugia vs Farrugia**', PA 24 ta' Novembru, 1966 Vol XXXVI P 1 p. 319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li '*fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawk l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndota mill-preponeranza tal-probabilitajie*t." Verament fil-kawzi civili (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija '**Farrugia vs Farrugia'** '*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta*' *in dubbio pro reo'* (ara l-istess principju fis-sentenza '**George Bugeja vs Joseph Meilak'** (PA TM 30 ta' Ottubru, 2003 u '**Emanuel Ciantar vs David Curmi noe'** PA (PS) 28 ta' April, 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddecidi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jincidu fih dik ic-certezza morali li kull Qorti ghandha tfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-prepondenza tal-probabilitajiet (**Eucharisto Zammit vs Eustrachio Petrococchino,** App Kummerc 5 ta' Marzu, 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mela allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika l-principju tal- *in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Fis-sentenza taghha '**Adam Bugeja vs Charles Falzon et'** (23.10.2013), il-Qorti tishaq li meta z-zewg verzjonijiet ikunu kapaci jtiqiesu ugwalment plawsibbli u veritiera ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi wahda u mhux l-ohra. L-istess japplika fil-kaz meta l-Qorti tkun affaccjata b'zewg verzjonijiet li kapaci jtiqiesu ugwalment mhux kredibbli. F'tali sitwazzjonijiet ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza u probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. *Actor non probante reus absolvitur*. (**Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat** PA 22 ta' Novembru, 1995; **Enrico Camilleri vs Martis Borg** App Inf (PS) 17 ta' Marzu, 2003).

Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran "bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur, l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante, reus absolvitur'*. Is-socjeta' attrici li tallega d-debitu tal-konvenut ma tistax tiskarta l-oneru taghha fuq il-principju l-iehor *'reus in exipiendo fit actor'* ghax, jerga'

jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza tibqa' fuqha. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenut tal-pagament li huwa allega li ghamel. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet' **<u>Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech</u>**', deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li *"La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega'.* Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenut jehtieglu qabel xejn jipprova, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huwa effettivament ghamel il-hlas tas-somma reklamata. Jekk huwa ma jirnexxilhux jaghmel din il-prova, l-effett estintiv tal-obbligazzjoni (Art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqu ghax fuqu kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>**' *sup. cit.* insibu li *"qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura salv il-principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma' l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn tal-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg*

*proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh tal-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament tal-argoment tezisti*" (Ara **<u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta'

Jannar, 2000).

Hu pacifikament stabbilit illi *"l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill-gudikant"* (Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525).

Issa fil-kaz in dezamina s-socjeta' attrici tramite x-xhud taghha Pauline Debono allegat li kien hemm kont pendenti mal-ARMS fis-somma ta' tlett elef, disa' mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa w sebghin centezmu (€3,938.75) mahrug mill-ARMS esebit fl-atti a fol. 17 minn fejn jirrizulta li l-istess Pauline Debono kienet irceviet dan il-kont, liema kont ikopri l-perijodu sat-12 ta' Marzu, 2012 fuq dawl u ilma. Illi Pauline Debono kkonfermat bil-gurament taghha li dan il-kont kien ghadu pendenti u li l-konvent ma kienx hallas tieghu. Il-konvenut in linea ma' dak li gie sottomess aktar 'il fuq kellu jgib il-prova tal-allegat hlas – haga li ma ghamilx fl-ebda hin. Is-socjeta' attrici kellha d-dover li tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti almenu sal-grad tal-probabbli li l-ARMS kienet debitrici taghha fl-ammont mitlub minnha, haga li hija ghamlet permezz ta' dan l-istess dokument Dok B, u ghalhekk ghar-rigward tas-somma mitluba minnha rapprezentanti hlas ta' dawl u ilma din il-Qorti qed takkordalha fis-somma ta' tlett elef, disa' mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa w sebghin centezmu (€3,938.75).

Dwar it-talba tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin ewro (€5,250) ekwivalenti ghal *notice money* din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm mitub fil-kuntratt u dan ghaliex fl-ebda hin ma l-konvenut ipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament kien ghamel xi pagament ghal dan il-ghan. Ghalhekk is-socjeta' attrici trid l-ewwel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-ammont huwa dovut u wara l-konvenut jipprova li hallsu jekk effettivament kien hallsu.

Illi skond il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ezebit fl-atti a fol. 11 bhala Dok. A jinghad fil-klawsola numru 2 li "*Should the second party wish to terminate this agreement before the expiry of the said period of five (5) years the said second party shall notify the first party in writing at least six (6) months in advance and the rent shall be due till the day on which the premesis are vacated and the keys returned to the First party*."

Issa jirrizulta bla tlaqliq li huwa minnu li l-konvenut xtaq jittermina l-kirja tieghu qabel il-waqt u cioe' qabel il-hames snin u li kien effettivament ivvaka l-fond f'Marzu 2012. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. Is-socjeta' attrici ghalhekk qed tippretendi li l-konvenut ihallasha hames xhur kera u dan fl-ammont ta' hamest elef, mitejn u hamsin ewro (€5,250). Il-konvenut ghalkemm fl-eccezzjonijiet tieghu jghid li ma hemm xejn dovut min naha tieghu ghaliex kien hallas id-debitu tieghu f'dan ir-rigward, ma gab l-ebda prova sabiex jissostanzja l-eccezzjoni tieghu. Lanqas meta xehed il-Qorti viva voce ma staqsa li effettivament kien hallas dawn il-hames xhur reklamati mis-socjeta' attici. Ghaldaqstant in linea ma' dak li ntqal aktar 'il fuq dwar il-prova li kellu jressaq il-konvenut, din hija nieqsa u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici

f’dan ir-rigward qed tigi milqugha. Illi ma hemmx dubbju li din is-somma ta’ hamest elef, mitejn u hamsin ewro (€5,250) tirrapprezenta l-kera ta’ hames xhur mid-19 ta’ Ottubru 2011 sad-9 ta’ Marzu 2012.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ disat elef, mija u tmienja u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€9,188.75) [hamest elef, mitejn u hamsin ewro (€5,250) il-kera dovuta u tlett elef, disa’ mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa w sebghin centezmu (€3,938.75) il-hlas tal-ARMS] u prezenzjalment qed tikkundanna lill-konvenut ihallas din l-istess somma ta’ disat elef, mija u tmienja u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€9,188.75) lis-socjeta’ attrici.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-20 ta’ Marzu 2012 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors promotur a karigu tal-konvenut. L-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali datata 20 ta’ Marzu 2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------